# TISLIMA LIL EMMANUEL BENJAMIN VELLA

*Mitt sena ilu twieled Emmanuel Benjamin Vella, l-istoriku li ħallielna l-Istorja tal-Mosta miktuba. Nhar il-Ġimgħa 12 ta' Settembru 1997, il-Kunsill Lokali tal-Mosta għoġbu jagħti ġieħ lil dan ħuna Mosti, billi ġie nawgurat monument fit-triq li ġġib ismu.*

*Dakinhar, ħuh Abraham għamel diskors ta' l-okkażjoni. Abraham ilu jgħix fl-Amerika għal ħafna snin, iżda għal dan l-avveniment ġie l-Mosta magħna. U għalkemm ilu nieqes ħafna mill-Mosta, hu baqa' marbut ma' raħal twelidu u ma' dak kollu li hu Mosti. Abraham huwa ukoll ħabib tas-Soċjeta' Nicolo' Isouard u mhix l-ewwel darba li tana tagħrif storiku dwar il-passat. F'ġieħ il-ħbiberija ta' bejnietna u b'rispett lejn E.B. Vella, qegħdin nippubblikaw id-diskors kollu li Abraham għamel fl-okkażjoni tal-kxif tal-monument ta' ħuh, E.B. Vella.*



*Emmanuel Benjamin Vella*
*(1898 - 1946)*

# KXIF TA' MONUMENT FIL-MOSTA F'ĠIEĦ E.B. VELLA

## DISKORS TA' ABRAHAM D. VELLA

12 ta' Settembru, 1997

Onorevoli Ministru, Dr. Fenech Adami, Sur Sindku, Onorevoli Membri Parlamentari, Distinti Sinjuri,

Fraħt meta smajt b'din l-inizjattiva sabiħa tal-ħabrieki Kunsill Lokali tal-Mosta u ħassejtni kburi bil-ġest sabiħ tas-Sindku tal-istess Kunsill, is-Sur Nazzareno Vassallo, meta stedinni biex nagħmel dan id-diskors dwar E.B. Vella għal din l-okkażjoni propju għaliex il-persuna li lilha qed ngħatu dan il-ġieħ illum, kienet ħija. Leli kien il-kbir fost seba' aħwa. Twieled fil-Mosta nhar l-20 ta' Ġunju 1898 fejn trabba' u għex ħlief għal perjodi ta' żmien meta l-ħidma jew l-istudju tiegħu ħaduh 'l bogħod minn dan ir-raħal jew 'l hinn minn xtutna f'art barranija. Hemm għażel li jitrawwem fi studji li wassluh biex jieħu kariga ġdida ta' surmast ta' l-iskola u li jsegwi studji oħra f'ilsna orjentali.

Raġunijiet l-oħra li għalihom qed inħossni kburi li llum qed ngħati ġieħ lil E.B. Vella huma għaliex Manwel kien bin il-Mosta u lilha għożż kif għidt u ta ġieħ b'ħidma sfieqa f'oqsma soċjali, l-aktar dak edukattiv u kulturali kif ukoll dak storiku. U għaliex ukoll kien Malti li għamel ġieħ lill-art twelidu b'tfittix, b'ġabra u b'tixrid ta' tagħlim maħsub u mfassal biex iwassal l-ilsien Malti li f'dak li kien Malti bħalu biex dan jgħaraf jitkellmu u jiktbu sew. Dan kollu fi żmien meta, l-ilsien Malti kien għadu appena beda jxedd għall-ewwel darba lbies tal-ilsien uffiċjali ta' pajjiżna u beda jieħu post ilsien ieħor barrani fl-amministrazzjoni tal-Gvern u fl-atti leġislattivi u fil-qrati tagħna.

Wara li missierna siefer lejn l-Amerika, biex ifittex għixien aħjar għal martu u uliedu, ommi ħadet il-bastun tat-tmexxija tal-familja f'idejha. L-għaqal, il-bżulija u d-dixxiplina iebsa tagħha żammew id-dgħajsa fil-wiċċ.

Ma kienx hawn liġijiet li jisħqu fuq it-tagħlim. Skejjel, jekk tista' ssejjħilhom skejjel, kienu għadhom ma tferrxux f'kull raħal jew belt f'Malta. Iż-żgħażagħ li dak iż-żmien kienu jgħaddu 'l quddiem fl-istudju tagħhom kienu ftit u ta' min ifaħħar l-għaqal u l-ħidma tagħhom għaliex kienu huma li għenu biex Malta qamet mir-raqda ta' bruda u bil-ftit il-ftit ħadet ħajja ġdida.

Kien fi sfond ta' xenarju bħal dan li ommi rabbietna iżda saħqet kemm felħet li lkoll kemm konna nieħdu l-edukazzjoni tagħna biex nimxu 'l quddiem f'ħajjitna. U b'ħajr kbir għaliha u għal missieri li tant batew u stinkaw, lkoll kemm konna aħwa ħadna l-pożizzjoni tagħna fil-ħajja. Manwel, iżda, kien



*Abraham D. Vella, waqt id-diskors tiegħu fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-monument f'ġieħ E.B. Vella, nhar it-12 ta' Settembru 1997. (ritratt: Joe Sammut)*

jiżboqna lkoll: "ħa mill-wiċċ tal-borma" - ħalli nuża' espressjoni li ommi kienet darba użat miegħi fir-rigward tiegħu. Sa minn ċkunitu qata' bi snienu: kif jgħidu l-Ingliżi, hu kien *"a self-made man"*.

Wara li ħa t-tagħlim tiegħu fl-iskejjel tal-Gvern u xorob mill-għejjun ta' kotba ta' awturi magħrufin, hu laħaq assistent. Kien bniedem dħuli u ħabrieki mill-aktar. Ma kellux sabar joqgħod waqt wieħed biss ma jagħmel xejn. Il-mistrieħ tiegħu kien ix-xogħol. Dan mhux paradoss iżda l-verita` kif jixhdu dawk li kienu jafuh. Biżżejjed ngħid li wara marda qasira imma qerrieda li ħaditu f'qasir il-għomor, fuq is-sodda tal-mewt stqarr ma' martu Pressy u ma' uliedu Reggie, Eustace u Freesia, li kien qed imut kuntent għax qatt ma tgħażżen matul ħajtu. U dan il-fatt hu kien jqisu, bir-raġun kollu, bħala l-isbaħ xempju li wieħed seta' jagħti u l-għola wirt li wieħed seta' jħalli lil ta' warajh.

Wara sitt snin xogħol fil-klassijiet, hu, l-iżgħar fost sħabu ta' dak iż-żmien, intbagħat mill-Gvern f'*St. Mary's College*, fl-Ingilterra biex jibda kors ta' sentejn għal surmast fl-iskejjel tal-Gvern. Manwel mhux biss spikka fost l-istudenti kollha barranin fil-kors iżda l-Kulleġġ tah l-għola rakkomandazzjonijiet. Waqt il-kors imsemmi għamel kors ieħor tal-letteratura u ngħata ċertifikat ieħor mill-*London County Council*. Manwel Vella kien l-ewwel surmast Malti li kiseb il-*Board of Education Certificate* li bih seta' jgħallem fl-iskejjel elementari f'kull naħa ta' l-Imperu Ingliż. L-Universita` ta' Londra offrietlu borsa ta' studju taħt il-*University Extension Board* iżda l-obbligi kontrattwali li kellu mal-Gvern li jservi fl-iskejjel tal-istat immedjatament ma' tmiem il-kors, kellu jonorahom.

Manwel kien l-ewwel u qabel kollox edukatur u wara t-tħejjija għaqlija fl-Ingilterra ntefa' b'ruħu u b'ġismu għat-tagħlim qalb ħutu l-Maltin. Kienu fdati f'idejh għadd ta' skejjel fosthom dawk ta' San Pawl il-Baħar, Ħaż-Żabbar, il-Birgu u Ħal-Tarxien. Dr. Laferla, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni dak iż-żmien, ħoloq għalih post ġdid ta' Assistent Spettur tal-Ilsien Malti bil-għan li jġib 'l quddiem l-ilsien Malti fl-iskejjel. Il-post ma kienx tenibbli fit-tul għaliex il-Gvern ftit wara ħatar Spetturi Ġenerali biex iħarsu s-suġġetti kollha. Fosthom, dlonk laħaq E.B. Vella. Emanuel ta l-benefiċċju tal-għerf u l-esperjenza tiegħu lill-oħrajn għaliex is-surmastrijiet kollha fl-iskejjel tal-Gvern kienu obbligati jsegwu taħtu kors fl-ilsien Malti. Fl-istess ħin, Vella organizza klassijiet taċ-Ċivil. Ir-raġuni għal dan kien għaliex il-Gvern kien obbliga lil kull impjegat tiegħu li ried jaspira għal promozzjoni li jattendi għal dawn il-klassijiet.

Iżda, wieħed mix-xogħlijiet sbieħ u ta' fejda li jibqgħu tifkira tal-bidu tat-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel, skond is-sistema proposta mill-Għaqda tal-Malti dwar it-tagħlim tal-Malti bħala lsien tal-edukazzjoni taħt il-Kostituzzjoni ta' l-1934, huwa bla dubju ta' xejn il-'Kotba Ta' Qari Malti' taħt l-isem ta' "L-Ġabra ta' Ward". Din ma kinitx biċċa xogħol hekk ħafifa daqs kemm tidher għaliex, fil-ġabra ta' bċejjeċ tal-qari għat-tfal, hemm is-sengħa tal-metodu pedagoġiku tat-tagħlim li fiha Manwel Vella kien imħarreġ sew. Mill-kompletazzjoni ta' dawn il-kotba, li daħlu allura fil-klassijiet kollha, Vella kien taha għall-istudju tal-kitba Maltija. Ma' l-Malti, ħtieġlu wkoll jgħaqqad studju ta' ilsna oħra semitiċi u għalhekk huwa mar l-Universita` ta' Londra fejn għamel kors ta' sena fl-istudju tal-ilsna orjentali.

Il-ħidma ta' Manwel Vella bħala edukatur ma kenitx tibda u tispiċċa mat-tagħlim tal-Malti. Vella kien jemmen li l-edukazzjoni kienet l-akbar investiment li seta' jagħmel il-bniedem għaliex il-frott minnu ma kien jieqaf qatt. Malli joħroġ mill-portijiet tagħna, il-Malti ma jibqax jitkellem ilsienu iżda ried ilsien ieħor li jikkomunika bih aħjar kull fejn jeħtieġlu jmur. U dan l-ilsien għalina ma setgħax ikun għajr l-ilsien Ingliż li dak in-nhar diġa' kien tgħaġen sfieq mal-ħajja tagħna ta' kuljum. Kien għalhekk li Manwel Vella saħaq ħafna fuq it-tagħlim tal-Ingliż sa mill-ewwel klassijiet ta' uliedna u li dak kollu kellu jsir bl-aktar mod professjonali. Il-pubblikazzjoni tiegħu ***"The Teaching of English in Our Primary Schools"***, li kien ħareġ fit-2 ta' Novembru 1945, kienet xhieda ta' kemm kien jisħaq fuq il-ħtieġa ta' dan u fuq il-metodu tat-tagħlim ta' dan l-ilsien. Kif għidt, kienet bdiet l-emigrazzjoni tal-Malti l-aktar lejn pajjiżi ferm imbegħda bħal ma kienu l-Amerika u l-Awstralja li setgħu joffru prospetti bil-bosta akbar u aħjar. Sat-tletinijiet dan il-moviment kien qabad ġmielu u Vella ra l-ħtieġa soċjali li l-emigranti prospettivi jkunu preparati għal dik il-ħajja ġdida li

ma kienux jafu x'se toffrilhom. Kien għalhekk li beda jorganizza korsijiet ta' fil-għaxija biex min kien interessat seta' jingħata tagħrif siewi li żgur isib 'l quddiem, fosthom li jifhem u juża' l-ilsien Ingliż.

Barra mil-lat edukattiv, E.B. Vella kien ukoll storiku. Vella kiteb dwar in-nukleji żgħar komunitarji li kienu jifformaw l-irħula tagħna u flimkien kienu jagħmlu pajjiż kbir minn din il-gżira żgħira. Hu kiteb *'l-istorja ta' Ħaż-Żabbar'* fl-1926, u sena wara *'l-istorja taż-Żejtun u dik ta' Marsaxlokk'* fl-1927, *'l-istorja tal-Mosta bil-Knisja tagħha'* fl-1930, *'l-istorja ta' Ħal Tarxien u tar-Raħal il-Ġdid'* fl-1932, u *'l-istorja ta' Birkirkara'* fl-1934. Sa erba' snin qabel mewtu kien fittex u ġabar il-materjal biex joħroġ l-istorja tal-Imdina u kien laħaq kitibha u lestiha għall-pubblikazzjoni. Dnub li ma laħaqx ħariġha għax, għall-materjal ta' reqqa u dokumentazzjoni li ġabar, din l-istorja ma kenitx tagħmel għajb lil ta' qabilha. Il-manuskritt kien ta' aktar minn elf paġna u nħoss għafsa ta' qalb meta niftakar li baqa' ma ġiex stampat. F'dawn l-istejjer, Manwel niseġ it-tbatija u l-ferħ tan-nies ta' dawn l-irħula, il-karatteristiċi naturali li jagħżluhom minn dawk tal-ġirien tagħhom, it-telfiet u l-kisbiet tagħhom fil-ħajja sempliċi ta' kuljum. Huma dawn li jsawru l-istorja ta' ġens. L-istil ta' kitba tiegħu kien wieħed ħafif u mexxej, mogħni b'lingwaġġ safi mitkellem ta' kuljum mill-Malti komuni.

Ma jidhirx, iżda, li l-ilsien Malti kien l-uniku studju li Vella xtaq jagħmel għax ħsiebu kien li jagħti ruħu għall-istudji arkeoloġiċi. Kien għadu daqxejn ta' żagħżugħ, imur jgħaddi s-sigħat jifli l-fdalijiet tal-qdumijiet fil-Mużew Nazzjonali, iqalleb il-kotba u jgħaddi ħinijiet twal fil-monumenti neolitiċi ta' Ħal Tarxien, kif ukoll dawk ta' Ħaġar Qim, l-Imnajdra u Ħal Saflieni. Kien student ħabrieki u entużjażmat tal-Professur Sir Temi Zammit. Nistgħu ngħidu li Vella kien l-id il-leminija ta' Sir Temi fl-aħħar għaxar snin ta' ħajtu. Biżżejjed wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn ir-rapporti tal-Mużew Nazzjonali tas-snin 1925/34 biex wieħed jara l-ħidma ta' Manwel Vella. Kien Vella li sab fejn telgħet il-bandiera Ingliża bi sfida għal Napuljun u fejn kien *il-headquarters* ta' Ċensu Brared fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi f'Malta. Il-kitba ta' Manwel Vella li dehret fis-26 ta' Novembru 1932 msejħa ***"The Tabernacle of Moses - a Maltese Prototype"***, hu qabbel il-pjanta tat-tempju neolitiku ta' Ħal Tarxien ma' dik tat-tempju ta' Salamun. F'dik il-kitba, Vella xeħet dawl fuq it-twemmin ta' missirijietna fi żmien il-ħaġar.

Wieħed ma jsibx tmiem kieku kellu jsemmi aktar dwar ħidmet E.B. Vella, fuq il-konferenzi li ta, diskorsi li għamel, l-artikoli li xandar fil-ġurnali u perjodiċi sew ta' Malta kemm ta' barra.

Il-ħasra kienet waħda: li E.B. Vella nqered f'qasir il-għomor f'eta` żgħira ta' 48 sena għaliex li kieku l-Mulej għoġbu jisilfu għomor itwal żgur kien jagħtina xogħlijiet oħra fejjieda u ta' siwi kbir li kienu jissoktaw jiksbu l-għożża ta' kulħadd. Fil-ħidma tiegħu Manwel sab il-ko-operazzjoni ta' ħafna minn



*Abraham, li jgħix fl-Amerika, jammira l-monument ta' ħuh il-kbir Manwel. (ritratt: Joe Sammut)*

sħabu, imma l-aktar ta' martu Pressy u ta' uliedu Reggie, Eustace u Freesia. Bħala kap ta' familja, Manwel kien l-eżempju ta' missier nisrani li għaraf irabbi t-tfal fil-biża` f'Alla u f'tagħlim sabiħ u fejjiedi. Bħala ħabib u ġentlom, lil E.B. Vella kien jafu kulħadd. Fi kliem Ninu Cremona stess, "kien bniedem dħuli li fil-wiċċ imfaqqa' tiegħu, b'għajnejh li minn taħt il-lenti tan-nuċċali meta jkellmek b'dik it-tbissima ta' fommu, kien donnu jaqralek moħħok, kien jurik li kien bniedem imsejjaħ biex jaħdem f'kull għalqa ġdida li biha l-moħħ tal-ġenerazzjoni l-ġdida jiħtieġlu jiżżejjen".

J'Alla x-xogħol tiegħu li ħalla warajh u t-tifkira ta' għemilu jkunu mera u ħeġġa għal dawk li huma mexjin fit-triq tal-ħidma għall-ġid u r-risq tal-Maltin u ta' Malta kollha. Nagħlaq billi nsellimlu bl-għanja poetika li l-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila għoġbu jiktiblu:

**Lil E.B. Vella**

Malti tassew! Malti fil-qalb, ħabbejtha
Lil din l-art ċkejkna fejn tnehit tarbija;
Fraħt bil-ġmiel li jlibbisha w qatt ma nsejtha,
Fejn kienet xierqa l-kelma tal-foħrija.

Malti fil-ħsieb, oh b'liema reqqa flejtha
Id-damma imżewqa tal-ġrajjiet Maltija!
Kemm qassamtha sabiħ, u kemm għannejtha
B'kitbiet mirquma u bid-dehen mimlija!

U Malti ukoll f'għamilek, qatt ma tgħejja
Tgħallem lil għajrek dak li tgħallimt int,
Biex tajfa aħjar fiż-żgħar u l-kbar titħejja.

Agħnet hekk 'l quddiem u s-sema miegħek
Għad joktor dak li int bil-għaqal ħżint,
Oħrajn għad jimxu fuq il-passi tiegħek.